MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 356/2002/1

**Rikors numru 356/02DM**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**Vs**

**Panorama Co. Limited (Panorama Hotel)**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghal hlas tas-somma ta' elfejn hames mija u disa' lira Maltin (Lm2,509.00), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilhom.

Bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment ma l-avviz, u tal-ittra interpellatorja tat - 29 ta' April 2002, u bl-imghaxijiet legali

mid-data tal-istess ittra sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma baghtu xi rapprezentant fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Rat ukoll in-nota tas-socjeta attrici pprezentata fis-6 ta' Dicembru 2002 fejn irriducew is-sorte ghas-somma ta' Lm719.00

Ghalhekk il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma hekk ridotta ta' seba' mija u dsatax il-lira Maltin (Lm719.00), ghar-ragunijiet indikati fl- avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mid-29 t' April 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Magt Dr D. Montebello BA LLD